

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2017/697 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' April 2017

**dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni Ewropea mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti (BĊE/2017/9)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(5)(a) u (c) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). Huwa jissorvelja l-funzjonament tas-sistema biex jiżgura applikazzjoni konsistenti ta' standards għoljin ta' superviżjoni u l-konsistenza ta' eżiti superviżorji fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti. Il-BĊE jista' joħroġ linji gwida lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK), li għandhom jiġu osservati fit-tweqqiq ta' kompiti superviżorji u fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet superviżorji mill-ANK.
- (2) Il-BĊE għandu jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) <sup>(2)</sup>.
- (3) Bħala l-awtorità kompetenti biex tagħmel dan skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE eżerċita numru ta' opzjonijiet u diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni taħt ir-Regolament (UE) 2016/445 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2016/4) <sup>(3)</sup> għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kklassifikati bħala sinifikanti.
- (4) Għalkemm l-ANK huma primarjament responsabbli biex jeżerċitaw l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet rilevanti fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti, ir-rwol ta' sorveljanza kumplessiv tal-BĊE fi ħdan l-MSU jippermettilu jippromwovi l-eżerċitar konsistenti tal-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet fir-rigward ta' istituzzjonijiet kemm sinifikanti kif ukoll inqas sinifikanti, meta jkun xieraq. Dan jiżgura li (a) is-sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fl-Istati Membri parteċipanti tiġi implimentata b'mod koerenti u effettiv, (b) li jiġi applikat sett ta' regoli wieħed għas-servizzi finanzjarji b'mod konsistenti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fl-Istati Membri parteċipanti, u (c) li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha jkunu suġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità.
- (5) Bl-għan li jiġi bbilanċjat il-bżonn għall-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji bejn istituzzjonijiet sinifikanti u inqas sinifikanti, minn naħa waħda, mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità min-naħa l-oħra, il-BĊE identifika ċerti opzjonijiet u diskrezzjonijiet fost dawk li eżerċita fir-Regolament (UE) 2016/445 (BĊE/2016/4) li għandhom jiġu eżerċitati bl-istess mod mill-ANK fis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti.

<sup>(1)</sup> ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠUL 141, 14.5.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) 2016/445 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni (BĊE/2016/4) (ĠUL 78, 24.3.2016, p. 60).

- (6) Opzjonijiet u diskrezzjonijiet mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti b'referenza għall-fondi proprji u rekwiżiti kapitali skont l-Artikoli 89(3), 178(1)(b) u 282(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, kif ukoll taħt id-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti fl-Artikolu 471(1) u l-Artikolu 478(3)(a) u (b) tal-istess Regolament, għandhom impatt fuq il-livell u l-kwalità ta' fondi proprji regolatorji u l-proporzjonijiet tal-kapital ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti. Applikazzjoni prudenti u konsistenti ta' dawn l-opzjonijiet u diskrezzjonijiet hija meħtieġa għal diversi raġunijiet. Din tiżgura li (a) ir-riskji relatati ma' investimenti kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju jiġu indirizzati b'mod adegwat, (b) id-definizzjoni ta' inadempjenza tintuża b'mod konsistenti fir-rigward tal-adeqgatezza u l-paragunabbiltà tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, u (ċ) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal tranżazzjonijiet bi profil ta' riskju mhux lineari jew għal komponenti ta' h̄las u tranżazzjonijiet bi strumenti ta' dejn bħala sottostanti li għalihom l-istituzzjoni ma tistax tiddetermina d-delta jew it-tul ta' żmien modifikat ikunu kkalkolati b'mod prudenti. L-applikazzjoni armonizzata ta' dispożizzjonijiet tranżitorji relatati mat-tnaqqis ta' investimenti fekwitā f'kumpanniji ta' assigurazzjoni u assi tat-taxxa differita, tiżgura li d-definizzjoni iktar rigoruża ta' kapital regolatorju introdotta mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tiġi implimentata minn istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fl-Istati Membri parteċipanti f'perijodu ta' żmien adegwat.
- (7) Opzjonijiet u diskrezzjonijiet fir-rigward tal-eżenzjoni ta' skoperturi mill-applikazzjoni ta' limiti ta' skopertura kbar stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti kemm għal istituzzjonijiet sinifikanti u istituzzjonijiet inqas sinifikanti sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri parteċipanti, sabiex jiġu limitati r-riskji ta' konċentrazzjoni li ġejjin minn skoperturi speċifiċi u biex jiġi żgurat li l-istess standards minimi jiġu applikati fl-MSU għall-valutazzjoni ta' konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 400(3) tal-istess Regolament. B'mod partikolari, riskji ta' konċentrazzjoni li jinħolqu minn bonds koperti li jaqgħu fi h̄dan it-termini tal-Artikolu 129(1), (3) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u skoperturi lejn jew iggarantiti minn gvernijiet regionali jew awtoritajiet lokali tal-Istati Membri, fejn daww il-kreditu jingħataw piż ta' riskju ta' 20 % taħt il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu limitati. Għal skoperturi intragrupp, inklużi parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta' investimenti, għandu jiġi żgurat li d-deċiżjoni biex dawn l-iskoperturi jkunu eżenti għal kollox mill-applikazzjoni ta' limiti ta' skoperturi kbar tkun ibbażata fuq evalwazzjoni fil-fond kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/445 (BĊE/2016/4). Hija ġġustifikata l-applikazzjoni ta' kriterji komuni għall-valutazzjoni ta' jekk skopertura, inklużi parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta' investimenti, għal istituzzjonijiet ta' kreditu reġjonali jew ċentrali li magħhom hija assoċjata istituzzjoni ta' kreditu f'network skont id-dispożizzjonijiet legali jew statutorji u li huma responsabbli, taħt daww id-dispożizzjonijiet, għal operazzjonijiet tal-ikklerjar tal-flus fi h̄dan in-network, tissodisfax il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mil-limiti tal' skopertura kbira kif speċifikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/445 (BĊE/2016/4). Applikazzjoni bħal dik tiżgura li istituzzjonijiet sinifikanti u inqas sinifikanti assoċjati fl-istess network jiġu ttrattati b'mod konsistenti. Il-mod kif tiġi eżerċitata l-opzjoni pprovduta fl-Artikolu 400(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif stabbilit f'din il-Linja Gwida għandu japplika biss jekk l-Istat Membru relevanti ma jkunx eżerċita l-opzjoni pprovduta fl-Artikolu 493(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (8) Opzjonijiet u diskrezzjonijiet mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24(4) u (5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 <sup>(2)</sup> għall-kalkolu ta' flussi 'l barra minn depożiti bl-immut stabbli koperti minn skema ta' garanzija ta' depożitu (DGS) sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità għandhom jiġu eżerċitati b'mod konsistenti għall-istituzzjonijiet sinifikanti u inqas sinifikanti sabiex jiġi żgurat trattament identiku ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fl-istess DGS,

ADOPTA DIN IL-LINJA GWIDA:

#### KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

#### Artikolu 1

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din il-Linja Gwida tispeċifika ċerti mill-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali kkonferiti fuq awtoritajiet kompetenti skont il-liġi tal-Unjoni fir-rigward ta' rekwiżiti prudenzjali, li għandhom jiġu eżerċitati mill-ANK fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti b'mod totalment allinjat mal-mod kif il-BĊE jeżerċita l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet rilevanti fir-Regolament (UE) 2016/445 (BĊE/2016/4).

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità għall-istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din il-Linja Gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li hemm fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) u l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61.

## KAPITOLU II

**IL-MOD KIF JIĠU EŻERĊITATI OPZJONIJET U DISKREZZJONIJET FIR-RIGWARD TA' ISTITUZZJONIJET INQAS SINIFIKANTI LI JEĦTIEĠU ALLINJAMENT SĦIĦ MAL-LIĠI APPLIKABBLI GĦAL ISTITUZZJONIJET SINIFIKANTI**

## SEZZJONI I

## Fondi proprji

*Artikolu 3***Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: ippeżar tar-riskju u l-projbizzjoni ta' investimenti kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' kapital skont il-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ANK għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti japplikaw piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) l-ammont ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fimpriżi msemija fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jaqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni ta' kreditu; u
- (b) l-ammont ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fimpriżi msemija fl-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jaqbeż is-60 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni ta' kreditu.

## SEZZJONI II

## Rekwiżiti ta' kapital

*Artikolu 4***Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: inadempjenza ta' debitur**

L-ANK għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti japplikaw l-istandard ta' "aktar minn 90 jum wara li jsiru dovuti" għall-kategoriji ta' skoperturi speċifikati fl-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 5***Artikolu 282(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: settijiet ta' hedging**

Għat-tranżazzjonijiet imsemija fl-Artikolu 282(6) tar-Regolament Nru (UE) Nru 575/2013, l-ANK għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jużaw il-metodu ta' valutazzjoni skont is-suq kif stabbilit fl-Artikolu 274 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## TAQSIMA III

## Skoperturi kbar

## Artikolu 6

**Artikolu 400(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: eżenzjonijiet**

L-ANK għandhom jeżerċitaw l-opzjoni fir-rigward ta' eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 400(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti skont dan l-Artikolu u l-Anness relatat.

- (a) L-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 400(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) ta' dak ir-Regolament għal 80 % tal-valur nominali tal-bonds koperti, iżda għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 400(3) ta' dak ir-Regolament.
- (b) L-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 400(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) ta' dak ir-Regolament għal 80 % tal-valur ta' skopertura tagħhom, iżda għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 400(3) ta' dak ir-Regolament.
- (c) L-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 400(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu eżentati għal kollox mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) ta' dak ir-Regolament, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 400(3) ta' dak ir-Regolament, kif speċifikat ulterjorment fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.
- (d) L-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 400(2)(e) sa (k) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu eżentati għal kollox, jew fil-każ tal-Artikolu 400(2)(i) għandhom ikunu eżentati sal-ammont massimu permess, mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) ta' dak ir-Regolament, sakemm ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 400(3) ta' dak ir-Regolament.
- (e) L-ANK għandhom jeżerċitaw li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jivvalutaw jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 400(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll fl-Anness ta' din il-Linja Gwida applikabbli għall-iskopertura speċifika. L-ANK tista' tivverifika din il-valutazzjoni fi kwalunkwe żmien u titlob lill-istituzzjonijiet inqas sinifikanti biex jissottomettu d-dokumentazzjoni msemmija fl-Anness għal dan l-iskop.
- (f) Dan l-Artikolu għandu japplika biss meta l-Istat Membru rilevanti ma jkunx eżerċita l-opzjoni taħt l-Artikolu 493(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jagħti eżenzjoni sħiħa jew parzjali għall-iskopertura speċifika.

## TAQSIMA IV

## Likwidità

## Artikolu 7

**Artikolu 24(4) u (5) tar-Regolament Iddelegat (UE) 2015/61: flussi 'l barra minn depożiti bl-imnut stabbli**

L-ANK għandhom jeżerċitaw li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jimmultiplikaw bi 3 % l-ammont ta' depożiti bl-imnut stabbli koperti bi skema ta' garanzija ta' depożitu kif imsemmi fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Iddelegat (UE) 2015/61, sakemm il-Kummissjoni tkun TAT l-approvazzjoni tagħha minn qabel skont l-Artikolu 24(5) ta' dak ir-Regolament Iddelegat li jċertifika li l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 24(4) ġew sodisfatti.

## TAQSIMA V

## Dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

## Artikolu 8

**Artikolu 471(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: eżenzjoni minn tnaqqis ta' investimenti fekwità f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mill-partiti ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1**

1. Matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018, l-ANK jistgħu jippermettu lil istituzzjonijiet inqas sinifikanti biex ma jnaqqasux parteċipazzjonijiet ta' ekwità f'impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni u kumpaniji holding tal-assigurazzjoni minn partiti ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1 skont l-Artikolu 471(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Mill-1 ta' Jannar 2019, l-ANK għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jnaqqsu parteċipazzjonijiet ta' ekwità f'impreżi ta' assigurazzjoni, impreżi ta' riassigurazzjoni u kumpanniji holding ta' assigurazzjoni mill-partiti ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1.
3. Dan l-Artikolu japplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħudin mill-ANK skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

#### Artikolu 9

### **Artikolu 478(3)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: perċentwali applikabbli għat-tnaqqis mill-Ekwità Komuni tal-Grad 1 ta' investimenti sinifikanti f'entitajiet tas-settur finanzjarju u assi tat-taxxa differiti li jiddependu fuq profitt fil-futur**

L-ANK għandhom jeżerċitaw l-opzjoni fir-rigward tal-perċentwali applikabbli għat-tnaqqis mill-partiti tal-Ekwità Komuni tal-Grad 1 ta' investimenti sinifikanti f'entitajiet tas-settur finanzjarju u assi tat-taxxa differiti li jiddependu fuq profitt fil-futur previst mill-Artikolu 478(3)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 skont kif ġej:

- (a) Għall-finijiet tal-Artikolu 478(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-Artikolu 469(1)(a) u (c) ta' dak ir-Regolament għandu jkun ta' 100 % mill-1 ta' Jannar 2018.
- (b) Għall-finijiet tal-Artikolu 478(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-perċentwal applikabbli għandu jkun ta' 100 % mill-1 ta' Jannar 2018.
- (c) B'deroga mill-punt (b), fejn, bis-saħħa tal-Artikolu 478(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-liġi nazzjonali ttiprovdi għal perjodu ta' tneħħija gradwali fuq 10 snin, il-perċentwal applikabbli għandu jkun:
  - (i) 80 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018; u
  - (ii) 100 % mill-1 ta' Jannar 2019.
- (d) L-ANK m'għandhomx japplikaw il-punti (b) u (c) għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti li, fid-data meta din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ, ikunu soġġetti għal pjanijiet ta' ristrutturar approvati mill-Kummissjoni.
- (e) Meta istituzzjoni ta' kreditu li tidħol fl-ambitu tal-punt (d) tiġi akkwistata minn istituzzjoni ta' kreditu oħra jew tamalgama magħha waqt li l-pjan ta' ristrutturar jkun għadu fis-seħħ mingħajr modifika dwar it-trattament prudenzjali ta' assi tat-taxxa differita, l-ANK għandhom japplikaw l-eċċezzjoni fil-punt (d) għall-istituzzjoni ta' kreditu li qed takkwista, l-istituzzjoni ta' kreditu ġdida li tirriżulta mill-amalgamazzjoni jew istituzzjoni ta' kreditu li tinkorpora l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali, sal-istess grad li applikat għall-istituzzjoni ta' kreditu akkwistata, amalgamata jew inkorporata.
- (f) Fil-każ ta' żieda mhux mistennija fl-impatt tat-tnaqqis skont il-punti (b) u (c) li l-ANK tiddetermina bħala materjali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti għandhom jitħallew ma japplikawx il-punti (b) jew (c).
- (g) Meta l-punti (b) u (c) ma japplikawx, l-ANK għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti japplikaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali.

Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li kienet teżisti qabel id-data meta din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ, sakemm dik il-liġi tistabbilixxi perċentwali li huma ogħla minn dawk speċifikati fil-punti (a) sa (c).

#### KAPITOLU III

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### Artikolu 10

### **Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-ANK għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Jannar 2018, ħlief għall-Artikolu 7 li miegħu għandhom jikkonformaw mill-1 ta' Jannar 2019.

*Artikolu 11*

**Destinatarji**

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-ANK tal-Istati Membri parteċipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' April 2017.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

\_\_\_\_\_

## ANNEX

**Kundizzjonijiet għall-valutazzjoni ta' eżenzjoni minn limitu ta' skopertura kbira, skont l-Artikolu 400(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 6(c) ta' din il-Linja Gwida**

1. L-ANK għandhom jeżiġu li istituzzjonijiet inqas sinifikanti jikkunsidraw dawn il-kriterji li ġejjin meta jivvalutaw jekk skopertura msemmija fl-Artikolu 400(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tissodisfax il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mil-limitu ta' skopertura kbira, skont l-Artikolu 400(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
  - (a) Sabiex jiġi vvalutat jekk in-natura speċifika tal-iskopertura, il-korp reġjonali jew ċentrali jew ir-relazzjoni bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-korp reġjonali jew ċentrali jeliminawx jew inaqqas ir-riskju tal-iskopertura, kif ipprovdut fl-Artikolu 400(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet inqas sinifikanti għandhom jikkunsidraw jekk:
    - (i) hemmx impedimenti prattiċi jew legali materjali attwali jew antiċipati li jistgħu jxekklu l-ħlas lura fil-ħin tal-iskopertura mill-kontroparti lill-istituzzjoni ta' kreditu, ħlief fil-każ ta' sitwazzjoni ta' rkupru jew riżoluzzjoni meta r-restrizzjonijiet msemmija fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> huma meħtieġa li jiġu implimentati;
    - (ii) l-iskoperturi proposti huma f'konformità mal-andament normali tan-negożju tal-istituzzjoni tal-kreditu u l-mudell tan-negożju tagħha jew iġġustifikati mill-istruttura tal-finanzjament tan-netwerk;
    - (iii) il-proċess li permezz tiegħu tittieħed deċiżjoni għall-approvazzjoni ta' skopertura lill-korp ċentrali, u l-proċess ta' monitoraġġ u reviżjoni applikabbli għal dawn l-iskoperturi, fil-livell individwali u kkonsolidat, meta jkun rilevanti, huwa simili għal dawk li huma applikati għal self lil terzi;
    - (iv) il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju, is-sistema tal-IT u r-rapportar intern tal-istituzzjoni ta' kreditu jippermettutlha tivverifika u tiżgura b'mod kostanti li l-iskoperturi kbar għall-korp reġjonali jew ċentrali tagħha huma kumpatibbli mal-istrategġja tar-riskju tagħha.
  - (b) Sabiex jiġi vvalutat jekk xi riskju ta' konċentrazzjoni li fadal jistax jiġi indirizzat b'mezzi oħrajn li huma ugwalment effettivi bħall-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi pprovduti fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, kif previst fl-Artikolu 400(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet inqas sinifikanti għandhom iqisu jekk:
    - (i) l-istituzzjoni ta' kreditu għandhiex proċessi, proċeduri u kontrolli robusti biex jiġi żgurat li l-użu tal-eżenzjoni ma jirriżultax f'riskju ta' konċentrazzjoni li huwa barra l-istrategġja tar-riskju tagħha;
    - (ii) l-istituzzjoni ta' kreditu ikkunsidratx formalment il-konċentrazzjoni tar-riskju li jirriżulta mill-iskoperturi għall-korp reġjonali jew ċentrali tagħha bħala parti mill-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju ġenerali tagħha;
    - (iii) l-istituzzjoni ta' kreditu għandhiex qafas ta' kontroll tar-riskju li jimmonitorja b'mod adegwat l-iskoperturi proposti;
    - (iv) ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta kienx jew huwiex se jkun identifikat b'mod ċar fil-proċess ta' valutazzjoni tal-adeqgatezza tal-kapital intern (ICAAP) ta' insitutzzjoni ta' kreditu u huwiex se jkun ġestit b'mod attiv. L-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni humiex se jiġu vvalutati fil-proċess ta' reviżjoni u ta' evalwazzjoni superviżorju.
2. Barra mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ANK għandhom jeżiġu lki l-istituzzjonijiet inqas sinifikanti jqisu l-kriterji li ġejjin, sabiex jiġi vvalutat jekk il-korp reġjonali jew ċentrali li miegħu hija assoċjata l-istituzzjoni ta' kreditu f'netwerk hijiex responsabbli għal operazzjonijiet tal-ikklerjar ta' flus kontanti, kif previst fl-Artikolu 400(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jekk il-liġijiet sussidjarji jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-korp ċentrali jinkludux esplicitamentdawn ir-responsabbiltajiet, inklużi, imma mhux biss, dawn li ġejjin:
  - (a) finanzjament tas-suq għan-netwerk sħiħ;

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenżjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

- (b) ikklierjar ta' likwidità fi ħdan in-network, fl-ambitu tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - (c) tiġi pprovduta likwidità lil istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati;
  - (d) assorbiment ta' likwidità eċċessiva ta' istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati.
3. Sabiex jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1 u 2 humiex sodisfatti, l-ANK jistgħu jitolbu lil istituzzjonijiet inqas sinifikanti biex jissottomettu d-dokumentazzjoni li ġejja.
- (a) Ittra ffirmata mir-rappreżentant legali tal-istituzzjoni ta' kreditu, b'approvazzjoni mill-korp maniġerjali, fejn jingħad li l-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 400(2)(d) u l-Artikolu 400(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex tingħata eżenzjoni.
  - (b) Parir legali, maħruġ jew minn terza persuna indipendenti esterna jew minn dipartiment legali intern, u approvat mill-korp ta' ġestjoni, fejn jintwera li ma hemmx ostkoli li jistgħu jtellfu l-ħlas lura fil-ħin tal-iskoperturi minn korp reġjonali jew ċentrali lill-istituzzjoni ta' kreditu li jirriżulta jew mill-applikazzjoni ta' regolamenti, inklużi regolamenti fiskali, jew ftehim vinkolanti.
  - (c) Stqarrija ffirmata mir-rappreżentant legali u approvata mill-korp maniġerjali li tgħid li:
    - (i) ma hemmx impedimenti prattiċi għall-ħlas lura fil-ħin tal-iskoperturi minn korp reġjonali jew ċentrali lill-istituzzjoni ta' kreditu;
    - (ii) l-iskoperturi tal-korp reġjonali jew ċentrali huma ġġustifikati mill-istruttura ta' finanzjament tan-network;
    - (iii) il-proċess li permezz tiegħu tittieħed deċiżjoni għall-approvazzjoni ta' skopertura lill-korp reġjonali jew ċentrali, u l-proċess ta' monitoraġġ u reviżjoni applikabbli għal dawn l-iskoperturi, fil-livell ta' entità legali u fil-livelli kkonsolidat, huma simili għal dawk li huma applikati għal self lil terzi;
    - (iv) riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għall-korp reġjonali jew ċentrali ġie kkunsidrat bħala parti mill-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju globali ta' istituzzjoni ta' kreditu.
  - (d) Dokumentazzjoni ffirmata mir-rappreżentant legali u approvata mill-korp maniġerjali li tiċċertifika li l-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskju, il-proċeduri tal-kalkolu u l-kontroll tal-istituzzjoni ta' kreditu huma l-istess bħal tal-korp reġjonali jew ċentrali u li l-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju, is-sistema tal-IT u r-rapportar intern tal-istituzzjoni ta' kreditu jippermettu lill-korp maniġerjali biex jimmonitorja kontinwament il-livell tal-iskopertura l-kbira u l-kompatibbiltà tagħha mal-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni tal-kreditu fil-livell tal-entità legali u fil-livell ikkonsolidat, fejn rilevanti, u mal-prinċipji ta' ġestjoni soda tal-likwidità interna fi ħdan in-network.
  - (e) Dokumentazzjoni li turi li l-ICAAP tidentifika b'mod ċar ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi kbar lill-korp reġjonali jew ċentrali u li dan huwa ġestit b'mod attiv.
  - (f) Dokumentazzjoni li turi li l-ġestjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni hija konsistenti mal-pjan ta' rkupru tan-network.
-